**17 ta' Frar, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Dolores Zammit

*versus*

Gio Maria Zammit

**Separazzjoni Personali — Rikonċiljazzjoni.**

*Huwa magħruf illi, biex jista' jingħad li saret rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin, hemm bżonn illi dawn ikunu jridu, u juru bil-fatti li jridu, jirrikostruwixxu l-ħajja konjugali u jirrikomponu dik il-komunanza ta' affetti, sentimenti u nteressi, li tikkostitwixxi l-essenza ta' dik il-ħajja; u għalhekk ma għandux jitqies bħala rikonċiljazzjoni l-fatt tas-sempliċi rijunjoni tal-miżżewġin, meta jkun segwit minn dissidji u minn firda oħra.*

*Iż-żmien li l-miżżewġin ikunu qagħdu flimkien qabel ma reġgħu nfirdu ma għandux importanza deċiżiva; u r-rikonċiljazzjoni bħala rinunzja ta' drittijiet, ma għandiex tiġi preżunta; u f'każ ta' dubju għandha tiġi skartata, jew, fl-agħar ipotesi, għandu jiftiehem li kien hemm biss tentattiv ta' rikonċiljazzjoni.*

*Xejn ma jiswa li l-miżżewġin ikollhom relazzjonijiet intimi fiż-żmien li jkunu reġgħu marru flimkien; għaliex jibqa' dejjem li ma jkunx hemm l-intenzjoni serja li jerġgħu jirristabbilixxu l-konvivenza konjugali fil-paċi u fil-konkordja, li huma l-essenza tar-rikonċiljazzjoni.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attriċi, wara li ppremettiet illi Gio Maria Zammit sar ħati lejn l-attriċi ta' theddid, eċċessi, sevizji u ngurji gravi, b'mod li hemm lok li tkun pronunzjata s-separazzjoni personali bejniethom minħabba ħtijiet tiegħu, talbet (1) li tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba ħtijiet tal-istess konvenut kif fuq indikati, u tiġi awtorizzata tgħix separata minn miegħu; (2) il-kura tat-tfal minuri komuni Carmen, Doris, Adeodato sive Taddeo, u Raymond, aħwa Zammit, tiġi fdata lill-attriċi; (3) il-konvenut ikun kundannat iħallas lill-attriċi, għaliha u għall-imsemmija

erbgħat-itfal komuni, pensjoni alimentarja fil-kwantità, żmien u lok li jiġu determinati minn din il-Qorti; (4) tiġi mwaqqfa l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti, u l-istess komunjoni tal-akkwisti tiġi maqsuma f'żewġ porzjonijiet indaqs, li waħda minnhom tiġi assenjata lill-attriċi u l-oħra lill-istess konvenut, billi, okkorrendo, jiġi nominat perit legali biex jillikwida l-istess komunjoni u jipproponi pjan ta' qasma, nutar biex jirċievi l-att ta' diviżjoni, u kuratur biex jirrappreżenta l-kontumaċi fuq l-istess att; (5) jiġu applikati kontra l-konvenut id-dispożizzjonijiet tal-art. 56 u 58 tal-Kodiċi Ċivili; (6) u jiġi dikjarat li l-lokazzjoni tal-fond numru 23 Parish Priest Carlo Manchè Street, Gżira, hi parafernali tal-attriċi, u konsegwentement il-konvenut jiġi kundannat jiżgombra mill-istess fond fi żmien qasir u perentorju li tiffissalu din il-Qorti fid-diskrezzjoni tagħha. Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-proċedura quddiem is-Sekond'Awla ta' din il-Qorti, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċepita rikonċiljazzjoni;

Illi huwa magħruf li, biex jista' jingħad li saret din ir-rikonċiljazzjoni, hemm bżonn illi l-miżżewġin ikunu jridu, u juru bil-fatt li jridu, jirrikostruwixxu l-ħajja konjugali jirrikomponu dik il-komunanza ta' affetti, sentimenti u nteressi, li tikkostitwixxi l-essenza ta' dik il-ħajja (Kollez. XXXII-II-303; XXXVIII-II-520): u għalhekk ma għandux jitqies bħala rikonċiljazzjoni l-fatt tas-sempliċi rijunjoni tal-miżżewġin meta jkun segwit minn dissidji u minn firda oħra (Kollez. XVIII-II-132: XXXIV-II-533). Iż-żmien li l-miżżewġin ikunu qagħdu flimkien qabel ma reġgħu nfirdu ma għandux importanza deċiżiva: għaliex, kif josserva Laurent, "la legge non prescrive alcuna condizione perchè vi sia riconciliazione; il giudice non può dunque decidere che la riconciliazione debba avere una certa durata; ciò è aggiungere alla legge, e per conseguenza farla" (Diritto Civile, Vol. III, §209). U dan ukoll huwa l-insenjament ta' Baudry (Persone, Vol. IV, §228). Ta' min jinnota, mbgħad, illi r-rikonċiljazzjoni, bħala rinunzja ta' drittijiet, ma għandhiex tiġi preżunta; u f'każ ta' dubju għandha tiġi skartata, iew, fl-agħar ipotesi, għandu jif-

tiehem li kien hemm biss tentattiv ta' rikonċiljazzjoni (Ricci, Diritto Civile, Vol. I, parte IIa., §46; u Baudry, op. ċit., §231);

Illi, premessi dawn il-konsiderazzjonijiet, jeħtieġ jiġi eżaminat jekk bejn il-kontendenti saritx l-allegata rikonċiljazzjoni;

Illi, skond il-provi miġjuba, fil-kors ta' din il-kawża l-attriċi baqgħet toqgħod fl-istess dar tal-konvenut, imma kienet torqod f'kamra separata ma' wliedha; il-konvenut bil-lejl kien jidħol f'dik il-kamra u jinsisti mal-attriċi biex tmur torqod fil-kamra miegħu; għad li hu kien jissikaha, hija kienet tirrifjuta; huwa ġie li pprova jbusha quddiem uliedu, u hija ma kienetx tħallieh. Fl-aħħar, meta ma setgħetx toqgħod bih iżjed, u biex ma tagħtix skandlu lit-tfal, marret torqod fil-kamra tiegħu, fejn damet xahar u ġimgħa, u f'dan iż-żmien huma għexu bħal mara u raġel; iżda, għalkemm il-konvenut kien jagħti lill-attriċi £5 fil-ġimgħa għall-bżonnijiet tad-dar, u hija kienet issajjar anki għal żewġha, it-trattament ta' dan lejha ma kienx tali li jindika vera rikonċiljazzjoni. Infatti, għaliex l-attriċi, bil-kunsens tal-konvenut kienet marret iddur bit-tifla tagħha, miżżewġa ma' iben il-konvenut, fl-okkażjoni li kellha tarbija, meta rritornat id-dar fil-5.30 p.m. il-konvenut beda jkellimha ħażin u jinfamaha li marret tiġġerra. F'okkażjoni oħra sussegwenti, għaliex l-attriċi qaltlu biex ma jibblakkax iż-żarbun fuq il-komodina, taha daqqa ta' ponn fuq rasha, u b'daqqa ta' sieq xeħetha mal-art, u għamlilha offiża skond iċ-ċertifikat a fol. 24;

Illi, fil-fehma tal-Qorti iċ-ċirkustanzi fuq miġjuba ma jwasslux għall-invokata rikonċiljazzjoni. Xejn ma jiswa li l-kontendenti kellhom relazzjonijiet intimi bejniethom; għaliex jibqa' dejjem li ma kienx hemm żgur intenzjoni serja li jerġgħu jirristabbilixxu l-konvivenza konjugali fil-paċi u fil-konkordja, li huma l-essenza tar-rikonċiljazzjoni. Di più, kif irriteniet il-Qorti tal-Appell ta' Venezia fil-kawża "Ponti contra Obè", deċiża fis-7 ta' Ottubru 1892, "non si deve dedurre la riconciliazione dal semplice fatto del congiungimento carnale fra i coniugi dopo presentato il ricorso per separazione, potendo esso interpre-

tarsi anche quale effetto di creduto dovere fino alla pronunzia della separazione, o quale mezzo di evitare mali maggiori minacciati o temuti" (Fadda, Giuris. Cod. Civ. Ital., art. 153, § 29). U dan l-insenjament ġie adottat ukoll minn din il-Qorti fil-kawża "Grech utrinque", deċiża fit-28 ta' Ġunju 1954 (inedita);

**Għal dawn il-motivi;**

**Tiċħad** *l-eċċezzjoni tar-rikonċiljazzjoni opposta mill-* **konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu;**

U tiddifferixxi l-kawża għall-24 ta' Marzu 1961, biex titkompla skond il-liġi.